MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Numru. 239/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**RONALD GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ronald Galea ta' 35 sena, bin Joseph u Carmen nee' Caruana, mwieled Attard nhar id- 9 ta' Gunju 1972, u residenti fil- fond 'Rita', Triq Santa Marija, Marsaskala, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 274072(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
1. F'dawn il- Gzejjer, fix- xahar ta' Lulju 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta; kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l- esistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex inqalqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' tmienja u sittin elf, disa' mija u hamsin ewro (€68,950) (konvertiti fl LM 29,600) ghad- dannu ta' CMA- CGM Agencies Worldwide (Malta) Limited;

2. 2. Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu l- ammont ta' tmienja u sittin elf, disa' mija u hamsin ewro (€68,950) (konvertiti fl LM 29,600) ghad-dannu ta' CMA- CGM Agencies Worldwide (Malta) Limited;

3. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, billi ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil- firma biss, bi hsieb ta' qliegh, kiteb fuqha xi haga li kienet ta' hsara ghal persuna ohra, jew , bl- istess hsieb, zied fuq karta mhux in bjank fdata lilu, xi kitba jew klaswola

4. Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien flaz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet,

obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

6. Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, minhabba l- kariga jew l- impjieg tieghu, kien fid- dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

7. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz;

8. Kif ukoll talli f'dawn il- Gzejjer, fix- xahar ta' Gunju 2007 u fix- xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminjiet differenti li jiskru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil- kapacita' tieghu ta' General Manager ta' CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta) Limited, in konnessjoni mal- kariga jew impjieg tieghu, talab jew ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd, u dan sabiex hu jaghmel dak li kien fid- dmir tieghu li jaghmel

9. U aktar talli b'hekk sar recidiv ai terminu tal- Artikolu 49 et sequitur tal- Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati datata 25 ta' Ottubru 2005.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-poceduri, u ghalhekk il-Qorti trid tikkonsidra biss il-piena f'dan il-kaz. Il-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li l-imputat kien hallas ghas-saldu lis-socjeta' imsemmija fit-tahrika, hekk skond kif gie indikat fil-verbal ta' llum. Ghalhekk l-imputat jista' jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 337 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 308, 309, 310(1) (a), 293, 294, 297, 183, 184, 185(2), 186, 115(a), u 121(1) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat Ronald Galea hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin ai terminu tal-Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Il- Qorti tordna inoltre l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------